**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 20 ta' Ottubru, 2016

Rikors Nru : 270/16 AL

**AB**

**vs**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tar-rikorrenti, li permezz tieghu ippremettiet:

Illi l-partijiet izzewgu fit-tlettax (13) t' Awwissu tas-sena elf disa' mija u tlieta u disghin (1993) (Ara c-certifikat taz-zwieg anness u mmarkat bhala 'Dok. A') u minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal li jisimhom Xli ghandu tnejn u ghoxrin (22) sena u Y li ghandu erbghatax (14);

Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt redatt minn Nutar Dottor Elsa Debono sa mill-hdax (11) ta' Mejju tas-sena elfejn u erbgha (2004) (Ara l-kuntratt ta' separazzjoni anness u mmarkat bhala 'Dok. B');

Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi minbarra li ilhom snin twal mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

Illi l-partijiet m'ghandhom l-ebda pendenzi fil-konfront ta' pagamenti ta' manteniment.

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talbet fid-dawl tal-fatti hawn esposti li l-intimat ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju bejn il-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat ir-rikors illi gie kkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti;

Rat id-dokumenti li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-13 ta' Lulju 2016;

Semghet lill-intimat prezenti fl-awla fuq domanda tal-qorti jwiegeb li ma kellu oggezzjoni li jintlaqghu t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-11 ta' Mejju, 2004;

Illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.